# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Charlotte Curmi)

Vs

Carmelo Camilleri

Il-Qorti

Illum 24 ta` Gunju, 2024

Rat l-imputazzjonijiet fil- confront ta' Carmelo Camilleri iben Paolo u Rosina nee Saliba imwieled fil-7/9/1953, ID 624553M u joqghod 27, Redentur, Triq Mons. A. Buhagiar, Rabat, Malta  akkuzat talli fil-25 ta' Ottubru, 2020 ghall-habta ta' 10.30 hrs fi Triq Santi Mgarr, Malta soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni DAN 402;

1. U aktar talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkagunajt hruq, jew ghamilt xi hsara, jew hassar jew gharraqt xi haga, minhabba f'hekk Jean Paul Buttigieg batgha offiza gravi fuq il-

persuna, li tkun gabet il-konsegwenzi msemmija fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta skont kif iccertifika Dr. Raphael Gatt MD mill-MDH.

2. U talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata.
3. U talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont.
4. U b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, hbatt ma' rota u involontarjament ikkagunajt hsarat ghad-dannu ta' Jean Paul Buttigieg.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfiggi il-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzja tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikoli 328(c) 328(d) tal- Kap 9 15(1) ( a) (2) tal-Kap 65 L.S. 65.18 Art 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta

Tat ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni.

L-imputat ghazel li ma jixhidx.

Rat l-atti kollha u d-dokumenti kollha ezebiti.

Semghet t-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

**Jean Paul Buttigieg** xehed hekk

Avukat: Tista tghidilna ezatt x`gara dak in-nhar ghax ahna ma konniex hemmekk?

Qorti: Ha nibdew fejn konna

Avukat: Fejn konn ail-post id-data ?

Xhud: Triq tas-Santi direzzjoni lejn il-Bahrija.

Qorti: Fejn jigi ghax m`ghandix idea ?

Xhud: Ghandi l-mappa jekk trid,

Avukat: Mela ha jipprezenta ritratt ghal-kull buon fini sinjura

Qorti: Ha narah naqra please?

Avukat: Dak hu hadu?

Xhud: Iva.

Qorti: Mela f`dan id-DOK B

Xhud: Iva

Qorti: Ghidli minn fejn kont gej?

Xhud: L-isfar minn fejn kont gej

Qorti: Eee orajt

Xhud: U l-blue fejn kont sejjer

Qorti: U l-iehor minn fejn kien gej?

Xhud: L-iehor kien gej minn warajja mil-isfar

Qorti: L-istess direzzjoni imma warajk?

Avukat: L-isfar minn fejn kont gej hux hekk? U DOK C1 fejnkont ha tidhol?

Xhud: Le dik it-triq dik nahseb

Qorti: Jiena nahseb l-ahjar wiehed id-DOK B frankament dottore biex jurina idea tal-karozzza umbaghad x`gara sinjur? Meta kienet id-data ghandek idea?

Xhud: 25 October 2020

Qorti: Iva u x`gara? Kien filghodu fl-ghaxija?

Xhud: Le kien filghodu ghal-habta ta xi 9 il-gurnata kienet xemxija igifieri ma kienx hemm ilma la zlieq it was clear x`hin gejt biex naqsam ghal-dik it-trejqa sqaq whatever mit-triq prinicipali kien hemm ukoll tigrija running race so kien hemm nies ohra fit-triq harist il-quddiem u lura qsamt biex nigi go dak l-isqaq f`daqqa u l-hin nara vann tielgha mas-side tieghi biex ma nintefax tahtu ippruvajt niskapulah u ovvjament laqtli l-isteering lahaq laqatli l-isteering bil-karozza.

Qorti: L-isteering tar-rota issa inti konsegwenza ta dan x`gara jekk jogghbok?

Xhud: Jiena dak il-hin dak il-hin waqajt qomt dak il-hin waqajt qomt beda niezel id-demm minn ghajnejja minn hawnekk kelli ugigh kbir x`hin qomt ghamilt zewg passi gejt mal-hajt tas-sejjiegh fil-vicin igifieri u ntlift minn sensijja umbagahd next thing I know tnejn kienu ghadejjin bil-mutur nahseb whatever ma nafx ma niftakarx ma nafx min huma u gejt I mean sibt ruhi recovery position wicci il-fuq u gejt f`tieghi.

Qorti: Ehe imma inti bhala personal injuries x`kellek?

Xhud: Meta mort l-isptar umbaghad kelli ghandi il-karta hawnekk ta igifieri

Ghandi ir-ritratti ukoll

Qorti: Le mhux ir-ritratti ic-certifikat importanti

Xhud: Id-discharge letter ghandi.

Qorti: Ksirt idek int?

Xhud: Hawnekk spallti

Qorti: U fieqt jew ma fieqtx?

Xhud: Kelli naghmel operazzjoni

Qorti: Imma fieqt minnha?

Xhud: Ghandi 7 boldijiet go spallti.

Qorti: Mela permanenti ok.

Avukat: Ara hux qed nifhem tajjeb inti dak in-nhar kont qed issuq il-bicycle?

Xhud: Yes

Avukat: U dak in-nhar gejt ukoll mitkellem skond ir-rapport tal-…. Ma nafx il-Qorti ghandiex kopja tieghu anki tajt il-verzjoni tieghek tal-incident,

Xhud: Il-verzjoni kienet

Avukat: Bazikament kienet hekk ridt naqsam ghan-naha l-ohra tat-triq fejn f`daqqa u l-hin rajt kaxxa ta vettura ta vann abjad mieghek u laqtu l-incident sehh minhabba li kien sejjer jikser in-naha l-ohra tat-triq u laqtu bl-isteering tar-rota

Xhud: Laqatli l-isteering tar-rota.

Avukat: Dan tikkonfermah?

Xhud: Li ghedt issa uu.

Avukat: Xtaqt insaqsik ukoll haga ohra ara hux qed nghid tajjeb li f`dak il-hin partikolari inti kellek headphones.

Xhud: Ma kienux f`widnejja kienu fuq spallti ma nuzahomx waqt ir-rota dawk.

**WPS 344 Abigail La Ferla** xehdet permezz ta' affidavit dwar l-involvimetn taghha fl-*incident de quo*

T-tabib Raphal Gatt xehed permezz ta' affidavit dwar John Paul Buttigieg

**Ikkunsidrat**

Illi mill-verzjoni tal-fatti tal-midrub kemm *viva voce* u mal-puilizija jidher car li ikkreja emergenza subitaneja u bhekk l-imputat ma setghax jevita l-incident. Konsegwentement tillibera l-imputa mill-imputazzjonijiet kollha fil-konfront tieghu.

**Decide**

Rat l-artikoli 328(c) 328(d) tal- Kap 9 15(1) ( a) (2) tal-Kap 65 L.S. 65.18 Art 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta u ghal dawn il-motivi ma ssibx lil Carmelo Camilleri hati ta' ebda wahda mill-imputazzjonijet u tilliberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**